**16 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Pauline Bonnici et.

*versus*

Carmelo Mifsud et. ne.

**Interdizzjoni — Kuratur — Aċċettazzjoni ta' Eredità.**

*F'kawża fejn tinsab konvenuta flimkien ma' persuni oħra persuna nterdetta rappreżentata mill-kuratur tagħha, jekk filmori tal-kawża jmut l-interdett, u l-eredità tiegħu tiġi aċċettata minn persuna li hija attriċi fl-istess kawża, din l-attriċi ma tistax titlob li l-kuratur tal-interdett li miet jiġi mneħħi barra mill-kawża u li l-kawża titkompla u tibqa tiġi kontra l-konvenuti l-oħra. Għax il-kuratur tal-interdett ma jistax jiġi maħruġ barra mill-kawża mingħajr iddħul fl-istess ġudizzju tal-kontinwatur tal-persuna talistess interdett; billi dan iġib id-dbddil tal-azzjoni esperita. Il-mewt tal-interdett fil-mori tal-kawża tagħti lok għall-leġittimazzjoni tal-atti bid-dħul fil-ġudizzju tal-ered tà tiegħu; u billi f'każ simili eredi hija l-persuna attriċi, li aċċettat l-ered tà tiegħu, għalhekk bid-dħul tagħha bħala kontinwatriċi tal-persuna tal-interdett li miet jirrijunixxu ruħhom fiha ż-żewġ kwalitajiet kontradittorji ta' attriċi u konvenuta — dak li jirrendi ġuridikament ineżistenti l-ġudizzju, bħala dak li jiddifetta minn wieħed mill-elementi kostituttivi tiegħu, jiġifieri l-leġ ttimu kontradittorju tal-partijiet.*

*Meta jiġri dan, ikun il-każ li l-konvenuti l-oħra jiġu liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li

bih l-atturi, wara li ppremettew illi in atti Spiteri tal-ewwel ta' Marzu 1952 (dok. A) il-konvenuti aħwa Mifsud xtraw minn għand l-imsemmi nterdett John Xuereb, bil-prezz ta' £600, id-drittijiet illikwidi u ndiviżi ta' sehem l-istess John Xuereb mill-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejnu u bejn il-mejta martu Maria Xuereb, komprendenti l-istess komunjoni l-fond f'tas-Sliema, numru 12 Prince of Wales Junction, angolu ma' Strada San Trofimo, bil-ħanut numru 55 fi Strada San Trofimo, Sliema, liberu u frank, bid-drittijiet tiegħu kollha, kompriżi l-mobilja u l-avvjament tal-istess ħanut, kif ukoll id-drittijiet eventwalment provenjenti lill-imsemmi venditur mis-suċċessjoni "ab intestato" tal-imsemmija Maria Xuereb; u li tliet ijiem wara, jiġifieri fl-4 ta' Marzu 1953, l-istess konvenuti aħwa Mifsud għad-ditta "C. Mifsud and Brothers", in atti Spiteri (dok. C), biegħu u ttrasferew lill-atturi Pauline Bonnici, bint l-istess John Xuereb, il-lum interdett, u lill-żewġha Edward Bonnici, dak li kienu akkwistaw minn għand l-imsemmi Xuereb, jiġifieri n-nofs indiviż tal-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejnu u l-imsemmija martu Maria, inklużi l-fondi fuq riferiti, kif ukoll id-drittijiet eventwalment provenjenti mis-suċċessjoni "ab intestato" ta' martu, inkluż dak kollu akkwistat mill-konvenuti aħwa Mifsud bil-kuntratt tal-ewwel ta' Marzu 1952, u dan bil-prezz ta' £700, jiġifieri £100 aktar minn dak li bih il-konvenuti aħwa Mifsud kienu għamlu l-akkwist tliet ijiem qabel; u li f'dak il-perijodu l-imsemmi John Xuereb kien interdett, u anki qabel il-bejgħ hu kien qiegħed jiżbanka u jonfoq flus b'mod prodigali; u li fuq rikors tal-attriċi Pauline Bonnici assistita mill-imsemmi żewġha taż-17 ta' Mejju 1953, quddiem is-Sekond'Awla ta' din l-imsemmija Qorti, ġie mitlub illi l-istess John Xuereb jiġi nterdett, liema nterdizzjoni ġiet dekretata fil-21 ta' Frar 1953; u illi fir-relazzjoni tal-perit psikjatra, li qegħdha fl-attijiet tal-imsemmi rikors, intqal mill-Professur Dottor Giuseppe Hyzler illi l-istess John Xuereb kien fi stat interdiċend anki qabel ma sar il-kuntratt oriġinali bejnu u bejn l-attur Mifsud; u illi l-kuntratt bejn l-istess John Xuereb u l-konvenuti aħwa Mifsud hu vizzjat minħabba vizzju fil-kunsens konsegwenzjali għall-istat mentali tal-istess John Xuereb, kuntratt li ġie publikat fl-ewwel ta' Marzu 1952, u kwindi hu null u bla effett, jew annullabbli jew rexxindibbli l-kuntratt li sar bejn l-atturi u l-konvenuti

aħwa Mifsud fl-4 ta' Marzu 1952, billi dan hu konsegwenzjali *għall-ewwel kuntratt ;*

Talbu li jiġu dikjarati nulli u bla effett, jew annullabbli u rexxindibbli, iż-żewġ kuntratti fuq riferiti in atti Spiteri tal-ewwel ta' Marzu 1952, bejn l-imsemmi John Xuereb u l-konvenuti aħwa Mifsud, u dak tal-4 ta' Marzu 1952, bejn l-atturi u l-konvenuti aħwa Mifsud, u dan għar-raġunijiet fuq indikati u għal kull raġuni u kawża oħra li tirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-ewwel ta' Settembru 1954 u taċ-ċedola ta' *depożitu tat-30 ta'* Awissu 1954;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-fuq imsemmija Qorti Ċivili tat-13 ta' Diċembru 1954, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dik il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Jannar 1955, li biha ġie dikjarat u deċiż illi hija din il-Qorti li *hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u ġie* ordnat illi l-atti tal-istess kawża jiġu mibgħutin lil din il-Qorti;

*Omissis;*

Rat ir-rikors tal-attriċi Pauline Bonnici, li bih, wara li esponiet illi fil-mori tal-ġudizzju miet l-imsemmi Giovanni Xuereb, missierha, rappreżentat fil-kawża mill-kuratur Prokuratur Legali Benedict Dingli, u li hija aċċettat l-eredità tiegħu, talbet *li l-imsemmi kuratur* jiġi maħruġ mill-kawża, u li din tibqa' tviġi kontra l-konvenuti Mifsud;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi t-talba tal-attriċi, avanzata bir-rikors fuq imsemmi, ma tistax tiġi milqugħa. Ma jistax jiġi poġġut barra mill-kawża l-kuratur tal-interdett Giovanni Xuereb, il-lum mejjet, *mingħajr id-dħul fl-istess ġudizzju* tal-kontinwatur

tal-persuna tal-istess interdett, biex il-ġudizzju jitkompla biss kontra l-konvenuti l-oħra; l-għaliex dan iġib id-dbiddil tal-azzjoni esperita mill-istess attriċi kontra ż-żewġ partijiet fl-ewwel kuntratt fuq imsemmi. Il-mewt tal-imsemmi interdett fil-mori tal-ġudizzju tgħat lok għall-leġittimazzjoni tal-istess ġudizzju bid-dħul fih, fil-każ preżenti, ta' bintu Pauline Xuereb, li hija attriċi fl-istess ġudizzju; u għalhekk bid-dħul tagħha bħala kontinwatriċi tal-persuna *ta' Giovanni Xuereb jirrijunixxu ruħhom fiha ż-żewġ kwa*litajiet kontradittorji ta' attriċi u konvenuta — dak li jirrendi ġuridikament ineżistenti l-ġudizzju, bħala dak li jiddifetta minn wieħed mill-elementi kostituttivi tiegħu, jiġifieri l-leġittimu kontradittorju tal-partijiet;

Għaldaqstant tilliberа lill-konvenuti aħwa Mifsud mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.

**Tmiem tat-Tielet Parti**
**tal-Volum XLII.**